



PARLAMENT EWROPEW

2014 - 2019

*Kumitat għall-Impjieg u l-Affarijiet Soċjali*

**2015/2052(INI)**

24.6.2015

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Impjieg u l-Affarijiet Soċjali

għall-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

dwar il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej u governanza ekonomika  
soda: linji gwida għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 23 tar-Regolament dwar  
Dispożizzjonijiet Komuni  
(2015/2052(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Javi López

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Impjieg i l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, bħala l-kumitat responsabbi, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-kriterji tal-Kummissjoni, filwaqt li jenfasizza l-fatt li l-isfidi li jiffacċċaw l-Istati Membri huma fit-tul u li l-programmi pluriennali ffinanzjati mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (Fondi SIE), maħsuba biex jindirizzaw dawn l-isfidi, jeħtieġu ċertezza u permanenza, u li għalhekk għandha tiġi evitata riprogrammazzjoni frekwenti u, minflok, tiġi preferuta l-istabbiltà sabiex jissaħħu l-prevedibbiltà u l-kredibbiltà tal-programmi ffinanzjati mill-Fondi SIE; jemmen li l-fatt li r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi (CSRs) jiffukaw fuq terminu aktar qasir m'għandux jipperikola l-ġhanijiet fit-tul tal-Fondi SIE minħabba n-natura fit-tul u orjentata lejn ir-riżultati tal-Fondi SIE u ċ-ċiklu annwali tas-Semestru Ewropew; jistenna li l-Kummissjoni u l-Kunsill ikunu prudenti ħafna meta jitkolbu r-riprogrammazzjoni tal-fondi jew is-sospensjoni tal-pagamenti għall-programmi, f'konformità mal-prinċipju ta' solidarjetà tal-UE, li huwa parzjalment espress permezz tal-mekkaniżmu tat-tqassim tal-finanzjament tal-UE u li għandu jibqa' element ċentrali tal-politika tal-UE;
2. Jenfasizza l-fatt li, sabiex jiġi massimizzat l-impatt fuq it-tkabbir, l-iżvilupp, il-koeżjoni u l-ħolqien tal-impjieg u jiġu indirizzati l-isfidi soċjali u ekonomiċi ġodda li jkun hemm, l-investiment appoġġjat mill-Fondi SIE għandu jseħħi f'qafas makroekonomiku sod; ifakkar, madankollu, li l-allokazzjonijiet fil-qafas tal-Fondi SIE huma bbażati fuq kriterji ta' eliġibbiltà speċifiċi marbuta mal-livell ta' żvilupp tar-reġjuni tal-UE, u għaldaqstant deċiżjonijiet ta' riprogrammazzjoni jew sospensjoni abbażi ta' kriterji oħra jistgħu jkunu inkonsistenti mar-raġunament wara dawn il-fondi;
3. Jirrimarka li, f'ċerti każijiet, ir-riprogrammazzjoni jew is-sospensjoni, kif regolati fl-Artikolu 23 tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (CPR), jistgħu jipperikolaw l-ilħuq tal-objettivi tal-Fondi SIE fl-Istati Membri kollha, u speċjalment f'dawk li qed iħabtu wiċċhom ma' żbilanċi makroekonomiċi u soċjali profondi; jistieden lill-Kummissjoni tirrikorri biss għall-mekkaniżmu meta l-Istati Membri jkunu naqsu b'mod persistenti milli jieħdu azzjoni effikaċi biex jindirizzaw it-talbiet tagħha għal-riprogrammazzjoni, u meta jkun hemm evidenza b'saħħitha li r-riprogrammazzjoni jista' jkollha impatt dirett konsiderevoli fuq il-potenzjal tal-programm fir-rigward tal-ħolqien ta' impjieg; jenfasizza li l-Kummissjoni għandha turi biċ-ċar li l-modifikasi ma jaffettwawx ħażin il-miri dwar l-impjieg u l-affarijiet soċjali kif previsti mill-Istati Membri; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, twettaq valutazzjoni tal-impatt fuq ir-rata tal-qgħad u l-iżvilupp ekonomiku fil-pajjiżi kkonċernati; jenfasizza li kull programm b'effetti pożittivi fit-tul b'rabta mal-investiment soċjali m'għandux jintmess;
4. Iqis li huwa kontroproduktiv li l-Fondi SIE li jappoġġjaw l-edukazzjoni, it-taħrif u l-ħolqien tal-impjieg jistgħu jiġi sospiżi, ladarba dawn il-fondi qed jilħqu l-objettivi tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, tkun prudenti fl-applikazzjoni tal-ewwel parti tal-Artikolu 23 tas-CPR għall-programmi kollha li jaqgħu taħt xi wieħed mill-objettivi tematiċi tal-Fondi SIE, b'mod partikolari l-objettivi tematiċi (8), (9) jew (10), jew il-miri tal-impjieg u dawk soċjali tal-Strateġija Ewropa 2020, u tikkumpanja kwalunkwe

modifika fil-programmi ffinanzjati mill-Fondi SIE b'garanziji xierqa dwar ir-rispett tal-objettivi tal-koeżjoni soċjali; jitlob lill-Kummissjoni timpenja ruħha b'mod rigoruż li tapplika s-sehem minimu tal-FSI previst fl-Artikolu 92(4) tas-CPR;

5. Jistieden lill-Kummissjoni tieħu miżuri proporzjonati u tqis iċ-ċirkustanzi ekonomiċi u soċjali tal-Istati Membri sabiex tevita s-sospensjoni ta' impenji jew pagamenti prevista fit-tieni parti tal-Artikolu 23 tas-CPR meta l-Istati Membri jkunu involuti fxi waħda mis-sitwazzjonijiet deskritti fis-subparagrafi (a) sa (e) tal-paragrafu 1 tal-Anness III tas-CPR; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta kull darba l-impatt tas-sospensjoni fuq il-qgħad u tipprova ttaff l-effetti mhux mixtieqa li jista' jkun hemm fuq il-popolazzjoni kkonċernata;
6. Jistieden lill-Kummissjoni biex, fl-applikazzjoni tal-Artikolu 23 tas-CPR, tfassal proċess deċiżjonali trasparenti, effikaċi u demokratiku li għandu jiġi applikat b'mod konsistenti, b'konformità mal-Artikolu 23(15) tas-CPR, li jinkludi l-introduzzjoni ta' sistema ta' twissija bikrija biex tinforma lill-pajjiż ikkonċernat dwar il-possibbiltà li tinbeda proċedura ta' riprogrammazzjoni immedjatament wara l-publikazzjoni tas-CSRs, u tippermetti lill-Parlament, abbażi ta' proċess formalizzat, ikun infurmat fl-istadji kollha tal-adozzjoni dwar talbiet għal riprogrammazzjoni jew kwalunkwe proposta jew deċiżjoni dwar is-sospensjoni ta' impenji jew pagamenti;
7. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi skadenza sa meta għandha titneħħha s-sospensjoni skont l-Artikolu 23(8) tas-CPR.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	23.6.2015
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: -: 0:
	43 8 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Guillaume Balas, Tiziana Beghin, Brando Benifei, Mara Bizzotto, Vilija Blinkevičiūtė, David Casa, Ole Christensen, Martina Dlabajová, Lampros Fountoulis, Marian Harkin, Rina Ronja Kari, Jan Keller, Ádám Kósa, Agnieszka Kozłowska-Rajewicz, Kostadinka Kuneva, Jean Lambert, Jérôme Lavrilleux, Patrick Le Hyaric, Jeroen Lenaers, Javi López, Thomas Mann, Dominique Martin, Anthea McIntyre, Joëlle Mélin, Emilian Pavel, Georgi Pirinski, Marek Plura, Sofia Ribeiro, Anne Sander, Sven Schulze, Siôn Simon, Jutta Steinruck, Yana Toom, Ulla Tørnæs, Marita Ulvskog, Renate Weber, Tatjana Ždanoka, Inês Cristina Zuber
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Maria Arena, Georges Bach, Heinz K. Becker, Paloma López Bermejo, António Marinho e Pinto, Edouard Martin, Tamás Meszerics, Csaba Sógor, Helga Stevens, Monika Vana, Tom Vandenkendelaere
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Flavio Zanonato, Branislav Škripek